# Il-Ħadd 15.07.2018

1. Illum 15/07:
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

2. It-Tnejn 16/07:
   - Fil-5:00pm - Ħarġa l-baħar għall-Abbatini.

3. It-Tlieta 17/07:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

4. Avviżi oħra:
   - Infakkar li qed nagħmlu sejħa għal abbatini ġodda. It-tfal subien li huma mħajrin - minn dawk li għamlu l-Preċett 'il fuq - jinkitbu fis-sagristija.
   - Bħalissa qed isiru l-aħħar thejjijiet għall-pubblikazzjoni tal-Programm tal-Festa. Dawk li jixtiequ jirreklamaw fih mitluba javviċinaw lill-Kappillan jew lil Dorian Baldacchino mill-aktar fis.
   - Għal matul il-jiem tal-festa, apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski, nixtiequ wkoll nagħmlu l-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq is-sistema l-ġdida tas-sound tal-knisja, it-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum, id-drapp li bih jiżżejjen l-Altar Maġġur fil-festi prinċipali, it-tiswija tal-bjut u s-saqaf tal-knisja, u rigal li ser jitħabbar fid-dettall aktar 'il quddiem b'rabta mal-istatwa ta' San Pawl hekk kif tiżżejjen fi żmien il-festa. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.
   - Min-nhar l-Erbgħa li ġej (18/07) sal-Ħamis tal-ġimgħa ta' wara (26/07), l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.

5. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Matul is-Sajf qed jiġu organizzati diversi attivitajiet ta' tagħlim u ta' mistrieħ, liema attivitajiet tistgħu ssibu dettalji tagħhom fuq il-fuljett li tqassam f'darkom matul dawn l-aħħar jiem. Il-Kunsill Lokali iħeġġiġkom tipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi. Aktar informazzjoni tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali stess.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 275 bħala ġabra speċjali b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 310 mill-envelopes b'risq il-festa ta' San Pawl. Grazzi.